MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2004

Appell Kriminali Numru. 205/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Martin Galea**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Martin Galea talli fid-29 ta' April, 2001, f'xi hin bejn l-10.00 am u s-1.00 pm minn gewwa l-Kumpless ta' l-i*Special Assignments Group* gewwa ta' Kandja, limiti tas-Siggiewi (**1**) ikkommetta serq ta' diversi accessorji tal-karozzi minn fuq vettura ta' l-ghamla Toyota Liteace bin-numru tar-registrazzjoni DBD-431, proprjeta` ta' Simon Borg minn San Gwann, u liema accessorji jiswew aktar minn Lm100 (mitt lira), izda ma jiswewx aktar minn Lm500 (hames mitt lira), ghad-dannu ta' l-istess Simon Borg, u liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-persuna u bil-lok u dan kollu bi ksur ta' l-Artikoli 267, 268, u 269 tal-Kapitolu 9; (**2**) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, xjentement

laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe` accessorji tal-karozzi, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew immexxihom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334, tal-Kapitolu 9; u aktar (**3**) talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux dawn ir-reati jew minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedihom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Ottubru 2003 li permezz taghha dik il-qorti illiberat lill-imsemmi Martin Galea mit-tieni imputazzjoni izda sabitu hati skond l-ewwel u skond it-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta' mitejn lira Maltin (Lm200) (li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur) kif ukoll illiberatu bil-kondizzjoni li huwa ma jikkommettix reat iehor ghal zmien sentejn skond "l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446"; fl-ahharnett dik il-qorti ordnat "il-konfiska tal-vettura in kwistjoni" filwaqt li ghamlet "suggeriment qawwi lill-Awtoritajiet koncernati illi l-imputat jibqa' jzomm ix-xoghol tieghu kif inhu llum";

Rat ir-rikors ta' appell ta' Martin Galea, minnu prezentat fis-6 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu, bazikament, zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li hu haseb li l-vettura li minnha ha l-erba' roti u xi oggetti ohra kienet, fi kliemu stess, *"derelict"* u li allura hu seta' jaqbad u jiehu dawk l-oggetti ghax ma kienu ta' hadd, ossia kienu abbandunati. Jikkontendi ghalhekk li huwa agixxa taht *"a mistake of fact"*, b'mod li jigi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq. Issa, huwa veru li, *"jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien abbandunat minn sidu jew li hu* res nullius*, allura jigi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq"* (ara ***Il-Pulizija v. Dennis Sghendo u Brian Vella*** App. Krim. 6/1/2000). Biex wiehed jiddeciedi jekk persuna "genwinament" kientx temmen hekk fil-mument tal-asportazzjoni, wiehed irid jezamina c-cirkostanzi kollha

tal-kaz, fosthom kemm dak l-izball jista' jinghad li kien wiehed ragjonevoli. S'intendi, it-test jibqa' wiehed soggettiv, cioe` dak li verament ossia genwinament kien jemmen l-imputat jew, f'dan il-kaz, l-appellant; izda biex qorti tasal biex tiddeciedi jekk, fuq bazi ta' probabbilita`, l-appellant verament ossia genwinament kienx hekk jemmen, hu legittimu li timxi permezz ta' sillogizmu, fejn il-premessa magguri tkun tikkonsisti f'dak li n-nies kollha ragjonevoli kienu jahsbu dwar l-oggett in kwistjoni u l-premessa minuri tkun tikkonsisti fil-presunzjoni li l-appellant jew imputat hu persuna ragjonevoli (ez. in-nies kollha ragjonevoli kienu jikkonkludu li dak l-oggett ma kienx abbandunat; l-imputat hu *ex hypotesi* persuna ragjionevoli; *ergo* l-imputat kien jaf li dak l-oggett ma kienx abbandunat).

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha u wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li ma tistax taccetta li l-appellant genwinament haseb li l-vettura in kwistjoni kienet abbandunata jew, kif isejhilha hu, *"derelict"*. Kif jidher mir-ritratti ezibiti a fol. 15, il-vettura DBD-431, ghalkemm kellha hsara mhux hazin fuq quddiem, kienet altrimenti f'kundizzjoni ragonevoli ghal van *second hand.* Hu evidenti wkoll li xi hadd kien ghattiha, jew ipprova jghattiha, b'bicca plastik (minhabba li kellha l-*windscreen* infarrak) biex ma jidholx ilma gewwa. Pero` l-aktar fattur determinanti, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghala l-appellant ma jistax jitwemment meta jghid li hu haseb li dik il-vettura kienet abbandunata hu li din il-vettura kienet proprju taht il-kustodja u sorveljanza tal-Pulizija fil-kumpless ta' Kandia. Huwa inkoncepibbli ghal din il-Qorti kif ufficjal tal-Pulizija, li *ex hypotesi* hu ta' intelligenza normali u ragjonevoli, jista' qatt jimmagina li vettura bhal dik li tidher fir-ritratti u per di piu` mizmuma mill-Pulizija tista' qatt tkun abbandunata. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. L-appellant jilmenta specifikatament dwar il-konfiska tal-vettura tieghu, cioe` l-van LAI-891. Din il-Qorti, bla tlaqliq, tiddikjara li l-appellant ghandu ragun, u dan peress li dan il-van b'ebda mod ma jinkwadra ruhhu fl-Artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti, pero`, tara li hemm problema

ohra bil-piena, li ghalkemm ma gietx sollevata espressament mill-appellant, din il-Qorti ma tistax b'gustizzja tinjoraha. L-appellant gie kkundannat multa u fl-istess hin gie liberat taht kondizzjoni skond l-Artikolu 22 tal-Kap. 446. Dan l-ewwel qorti setghet taghmlu biss li kieku l-appellant gie misjub hati ta' aktar minn reat wiehed. F'dan il-kaz, pero`, hu instab hati ta' reat wiehed biss – dak ta' serq – peress li t-tielet imputazzjoni ma tipotizzax reat separat, izda biss aggravju ghar-reat (dak ta' serq) li tieghu nstab hati. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-"piena" u l-*conditional discharge* jistghu jikkoezistu. L-Artikolu 22 tal-Kap. 446 huwa car – il-liberazzjoni assoluta jew taht kondizzjoni tinghata meta, ghar-reat li tieghu persuna tinstab hatja, il-qorti tkun tal-fehma li "ma jkunx spedjenti li twahhal piena". Ghalhekk wahda teskludi l-ohra. Fic-cirkostanzi din il-Qorti, anke fid-dawl tar-rakkomandazzjoni maghmula mill-ewwel qorti, hi tal-fehma li ghandha tipprevali l-liberazzjoni taht kondizzjoni,

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' mitejn lira, kif ukoll f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska tal-vettura in kwistjoni (cioe` l-vettura tal-appellant), izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu ta' sentejn tal-liberazzjoni taht kondizjjoni jibda jiddekorri mill-lum. Ghal kull buon fini din il-Qorti tiddikjara li spjegat lill-appellant bi kliem car li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-periodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu illum qed jigi konfermat li huwa hati, cioe` r-reat ta' serq kwalifikat u bl-aggravju addizzjonali tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------